# MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru 12/2011

Il-Kumitat iltaqa' fil-bini tal-Kunsill taż-Żebbuġ

Data: Nhar it-Tlieta 5 ta' April, 2011 fl-4:15pm.

**Preżenti għal-Laqgħa**

Is-Sinjura Maria Saliba - Chairperson

Is-Sur Emanuel Debono Deputat Chairman

Is-Sur Joseph Zammit - Membru

Is-Sur George Sacco - Membru

Is-Sur Carmelo Saliba - Sindku

Is-Sur Carmelo Grima Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ippresediet il-laqgħa iċ-Chairperson Maria Saliba

1. **Talba.**
Ic-Chairperson qalet it-talba u tat bidu għal-laqgħa.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**
   Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti ġew approvati u ffirmati.

3. **Kwotazzjoni.** Raphael Refalo bagħat kwotazzjoni għal posot ta' taħt il-Litter Bins. Il-Kumitat staqsa għala Refalo bagħat din il-kwotazzjoni. Is-Sindku qal li hu kien li talabha biex l-affarijiet jitħaffu li ma mmorrux nitilfu l-għotja għal dawn il-bins.

4. **Attivita minn OASI.** Is-Sur Emanuel Debono ġibed l-attenzjoni għal din l-attivita billi nitolbuhom biex is-sound ma jkunx esaġerat u ngħidulhom li x-xewqa tagħna hi l f'din l-attivita jieħdu sehem Group min Marsalforn biex nuru l-identita tal-Kommunita.

5. **One Way – Triq il-Qbajjar.** Il-Kunsill iddiskuta din it-triq u qabel li nitolbu lill-Awtorita biex din tiġi One Way fis-sens li tinżel minnha biss u ma titlax 'il fuq.

6. **Taraġ minn Triq Santa Marija (L-ewwel wieħed minn naħa tal-Port).** Il-Kumitat huwa fil-proċess li jinbidel il-poġġaman ta' dan it-taraġ. Kif kien miftiehem f'laqgħat preċedenti iz-zokklatura ta' taħt ir-railing għandu jinbidel. Is-Segretarju għandu jagħmel spezzjoni maċ-Chairperson u jara l-istat ta' manutenzjoni tat-taraġ in ġenerali, u wara jirraporta lill-Kumitat.

7. **Pompa għall-Funtana tal-Promenade.** Wara li tlabna għal stima ta' pompa għall-funtant tal-Promenade, il-Kumitat ġab stima verbalment (fuq it-telefon) u din tkun tiswa bejn €600 u €800. Il-Kumitat approva dan ix-xiri tal-pompa.

8. **Banda tal-Forzi Armati.** Il-Kumitat qed jissuġġerixxi li għal din l-okkażjoni nitolbu biex jekk jista' jkun fl-istess ġurnata ndaħħlu il-Group ta' Marsalforn.

9. **Ġiti għar-residenti ta' Marsalforn.** Is-Sur Emanuel Debono ssuġġerixxa li norganizzaw ġita għal Malta intiża għar-residenti ta' Marsalforn. Is-Sindku qal li l-ġiti li jagħmel il-

Kunsill ta' Marsalforn jistgħu jieħdu sehem anke n-nies ta' Marsalforn. Hu komla jgħid li kien hemm okkażjonijiet li nies minn Marsalforn li attendew għal dawn l-attivitajiet.

10. **Jum il-Fatra.** Saret diskussjoni fiq din l-attivita u s'issa ġie approvat Budget ta' madwar €5000 li jikkonsisti fin-nar tal-art (€3000), Banda (31000), Insurance (għad trid tiġi approtat).

11. **Triq quddiem Villa Fiorita u Triq Għajn Mhelhel (sal-Blata)**. Is-Sindku nforma lill-Kumitat li s-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said ser jiksi dawn it-toroq. Il-Kumitat wera l-apprezzament għal din l-għotja.

12. **Kompożizzjoni ta' Kor.** Il-Kumitat qabel li navviċinaw lil Ms Carmen Cini dwar il-parametri tal-Kor tagħha u x'jista' joffri bħala servizzi.

13. **Tmiem il-laqgħa.** Il-Laqgħa ntemmet fis-6:10pm.

Carmelo Grima
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Maria Saliba
Chairperson